**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Pembroke

# DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 09/2024

**L-Erbgħa 30 ta' Ottubru, 2024**

Il-Kunsill Lokali Pembroke Itaqa' fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Alamein, Pembroke, fil-17:30.

**PREŻENTI:**

Av. Kaylon Zammit – Sindku

Adrian Dominic Ellul – Viċi Sindku

Therise Abela – Kunsillier

Carmel Cesare – Kunsillier ***(li wasal fis-18:00)***

Raymond Lanzon – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Kevin Borg – Segretarju Eżekuttiv, u l-Accountant Shaun Camilleri

## Minuti

Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ippresjeda l-laqgħa.

### 9.01 Qari tal-ittri ta' apoloġija.

9.01.1 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit informa lill-Kunsill li l-membri kollha kienu preżenti għajr li l-Kunsillier Charles Cesare li ser jasal tard.

### 9.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 05/K9/2024.

9.02.1 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 05/K9/2024 kif ippreżentati.

9.02.2 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul issekonda.

9.02.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

### 9.03 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 06/K9/2024.

9.03.1 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 06/K9/2024 kif ippreżentati.

9.03.2 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul issekonda.

9.03.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

### 9.04 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 07/K9/2024.

9.04.1 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 07/K9/2024 kif ippreżentati.

9.04.2 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul issekonda.

9.04.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

### 9.05 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 08/K9/2024.

9.05.1 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 08/K9/2024 kif ippreżentati.

9.05.2 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul issekonda.

9.05.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

9.05.4 Is-Sindku Kaylon Zammit ippropona sospenzjoni tal-Aġenda biex item 9 jiġi diskuss qabel item 6.

9.05.5 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

9.05.6 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 9.09 Rapport Finanzjarju 2024 it-Tielet Kwart.

9.09.1 Is-Sindku Kaylon Zammit ippreżenta r-Rapport Finanzjarju tat-3 Kwart tas-sena 2024 (Jan sa Sett). **(Ara Dok. 01)** Il-kelliem talab il-kummenti tal-accountant tal-Kunsill.

9.09.2 Wara l-ispjegazzjoni tal-accountant, is-Sindku Kaylon Zammit ippropona li r-rapport jiġi approvat kif iċċirkolat.

9.09.3 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul issekonda.

9.09.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

9.09.5 Is-Sindku Kaylon Zammit irringrazzja lill-Accountant u ġentilment talbu jirtira.

9.09.6 L-Accountant Shaun Camilleri ħalla l-laqgħa fil-18:00.

**9.09.7** ***Il-Kunsillier Charles Cesare wasal fis-18:00.***

## 9.06 Komunikazzjoni mis-Sindku.

**46/6412/24/I** Proposta mill-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul konnessa mal-mobility week.

9.06.1 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/6412/24/I** fejn talab lill-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul jagħti follow-up dwar il-proposta tal-Kunsill.

9.06.2 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul informa lill-Kunsill li wieħed mill-istakeholders prinċipali li kien hemm fil-proposta, irrifjuta li jipparteċipa abbażi ta’ dak li kien qed jiġi propost u għalhekk l-applikazzjoni ma setgħetx tiġi ntavolata.

**46/6522/24/I** Email mingħand id-Dipartiment tal-Pulizija fejn infurmaw lill-Kunsill li għall-attività tal-Fun Run il-pulizija l-inqas ħin li jistgħu jagħmlu huwa ta' 3 siegħat u tal-mutur ikollu bżonn 30 min qabel l-attivita' u 30 min wara l-attivita' u ser jibgħatu prezz kemm tiġi.

9.06.3 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/6522/24/I** fejn ippropona li tiġi ratifikata d-deċiżjoni tal-Kunsill li l-Kunsill jagħmel użu mis-servizzi tal-Pulizija għall-fun run organizzata mill-Kunsill.

9.06.4 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

9.06.5 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6652/24/I** Email mingħand Scan għall-provvista ta’ ċellulari li jintuża mill-Amministrazzjoni tal-Kunsill.

**46/6653/24/I** Kwotazzjoni mingħand Direct Vision Malta għal provvista ta’ ċellulari.

**46/6654/24/I** Kwotazzjoni mingħand Klikk għal provvista ta’ ċellulari.

**46/6655/24/I** Kwotazzjoni mingħand ICentre għal provvista ta’ ċellulari.

9.06.6 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/6652/24/I, 46/6653/24/I, 46/6654/24/I,** u **46/6655/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill jagħżel l-offerta ta’ Direct Vision Malta fid-dawl li għandhom il-mudell l-aktar disponibbli kmieni.

9.06.7 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

9.06.8 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6673/24/I** Email mingħand Lands Authority fejn b'referenza għar-Renewal of Lease Agreement - L0011/2005 ta' Sit fi Triq San Patrizju nformaw lill-Kunsill li l-kirja annwali ser tibda tkun ta' €385 fis-sena.

9.06.9 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/6673/24/I** fejn ippropona li la darba l-Kunsill m'għandu ebda ħsieb li jikkumerċjalizza l-post u mhux ser ikun hemm ebda binja fih, mhux għaqli li l-Kunsill jibqa' jħallas il-kera stipulata u għalhekk għandu jirrinunzja għad-devoluzzjoni tiegħu. Is-Sindku rrimarka li l-post in kwistjoni huwa diġa ġnien pubbliku li jagħmlu użu minnu r-residenti, bil-pjanijiet tal-Kunsill li qed jiġu ffinalizzati sabiex dan l-istess ġnien jitkabbar u jissebbaħ.

9.06.10 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul issekonda.

9.06.11 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6707/24/I** Email mingħand Technovator fejn bagħtu draft MOU dwar EBikes.

9.06.12 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/6707/24/I** fejn saħaq li l-kuntratt in kwistjoni qed jagħmel referenza għar-Reġjun u fuq dan il-punt ippropona li Kunsill għandu jikkjarifika jekk il-kuntratt hux ser ikun qed jiġi ffirmat mill-Kunsill Lokali ta' Pembroke.

9.06.13 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul issekonda.

9.06.14 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6714/24/O** Email li l-Kunsillier Ray Lanzon bagħat lir-Reġjun Lvant fejn ġew informata li l-attivita' The Three Palaces Festival - Four Seasons ser issir is-Sibt 2 ta' Novembru 2024 fil-librerija ta' Pembroke għat-tfal tal-eta' bejn il-5 u 8 snin.

9.06.15 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/6714/24/O** fejn ippropona li l-Kunsill jikkonferma l-pożizzjoni tiegħu li jorganizza attività nhar is-Sibt 2 ta' Novembru relatata ma' The Three Palaces Festival - Four Seasons.

9.06.16 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

9.06.17 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6731/24/I** Email mingħand resident fejn staqsa jekk kienx hemm żvilupp dwar ir-rilaxx tal-garanzija - Triq Patri A. Tonna Barthet, Pembroke - PA160/20.

9.06.18 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/6731/24/I** fejn ippropona li tiġi rilaxxata l-imsemmija garanzija, kif ukoll garanziji oħra simili li għadhom pendenti.

9.06.19 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

9.06.20 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6733/24/I** Email mingħand Project Green fejn bagħtu l-updated Proposal tal-Proġett ta' Triq l-Imħallef William Harding.

**46/6759/24/I** Email mingħand Project Green fejn talbu biex il-proċess tal-procurement tal-bankijiet isir minnaħa tal-Kunsill Lokali.

9.06.21 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/6733/24/I u 46/6759/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill jikkonferma l-qbil mal-proġett kif emendat kif ukoll li l-Kunsill japprova li l-proċess tax-xiri ta' bankijiet, ladarba jipprovdulna l-ispeċifikazzjonijiet, jinħareġ mill-Kunsill.

9.06.22 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

9.06.23 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6736/24/I** Email mingħand il-Kunsillier Adrian Dominic Ellul fejn bagħat l-artwork tal-business cards tal-Kunsilliera.

**46/6738/24/I** Email mingħand is-Sindku Kaylon Zammit fejn informa l-Kunsill li nistgħu mmexxu bl-ordni tal-business cards.

9.06.24 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/6736/24/I u 46/6738/24/I** u għal-**Internal Memo Memo 21-2024 - Kwotazzjonijiet għall-printing ta' business cards**, fejn ippropona li l-Kunsill jipprintja 7,000 business card maqsuma bejn il-membri kif maqbul.

9.06.25 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

9.06.26 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6742/24/I** Email mingħand il-PA fejn b'referenza għall-permess PA/01060/20 ta' Red Cross informaw lill-Kunsill li fl-1 ta Novembru 2024 ser tkun diskussa l-applikazzjoni għad-deċiżjoni.

9.06.27 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/6742/24/I** fejn ippropona li Kunsill għandu jibqa' jtenni l-istess pożizzjoni li diġa ħa.

9.06.28 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

9.06.29 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6760/24/I** Email mingħand resident fejn qed jagħmel suġġeriment biex isir bus shelter jew tinda fejn jiskennu l-istudenti li jkunu qed jistennew il-bus ta' l-iskola fi Triq Alamein quddiem l-iskola St. Michael's.

9.06.30 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/6760/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill għandu jiċċekkja jekk dan hux possibbli abbażi tal-fatt li l-propjetà li magħha hemm ċans li titwaħħal tinda, mhiex tal-Kunsill u għalhekk wieħed irid jara jekk dan hux possibbli.

9.06.31 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

9.06.32 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6779/24/I** Email mingħand D Street Lighting fejn bagħat kwotazzjoni għad-dawl dekorattiv tal-Milied fit-toroq tal-lokal.

9.06.33 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/6779/24/I** fejn saħaq li grazzi għall-kontribut ta' diversi negozji fil-lokalita' ix-xewqa tal-Kunsill, u jiġifieri li jiżdiedu l-postijiet bid-dawl tal-Milied ser issir realta'. Fuq dan il-punt is-Sindku ppropona li l-Kunsill jipproċedi bil-kwotazzjoni hekk kif kwotat.

9.06.34 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

9.06.35 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6790/24/I** Email mingħand Mica Med Ltd. fejn bagħtu kwotazzjoni ta' 3 tipi ta' Solar Bollards.

9.06.36 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/6790/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill għandu jipproċedi bl-aktar kwotazzjoni li tagħmel sens għall-proġett in kwistjoni sabiex l-informazzjoni tkun tista' tgħaddi lil Project Green hekk kif mitlub sabiex jinxtara l-materjal.

9.06.37 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

9.06.38 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6797/24/I** Email mingħand residenta miż-żona ta' San Patrizju fejn bagħtet video minħabba li mhux ilaħħaq l-ilma tax-xita.

9.06.39 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/6797/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill għandu jitlob lill-Perit tiegħu sabiex jagħmel spezzjoni fuq il-post ħalli jipprovdi soluzzjoni għal din il-problema, u eventwalment jiġu diskussi fil-Kunsill meta dawn jkunu disponibbli.

9.06.40 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

9.06.41 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7144/24/I** Email mingħand il-Health Promotion and Disease Prevention Directorate rigward kampanja edukattiva ta' attività fiżika li ser iniedu f'Jannar, fejn qed jitolbu l-għajnuna tal-Kunsill bil-għan li jkun hemm l-inizjattivi kollha fis-seħħ għat-tnedija.

9.06.42 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/7144/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill għandu jiftaħ diskussjoni ma' partijiet terzi li jkunu lesti sabiex joffru klassijiet diversi lir-residenti f'postijiet provduti mill-Kunsill stess.

9.06.43 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

9.06.44 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7171/24/I** Email mingħand persuna li ġej joqgħod fil-lokal u li għandu karozza taħdem bid-dawl, jistaqsi jekk jistax iħalli cable management ramp fuq il-bankina biex minnha jgħaddi cable tad-dawl mid-dar għat-triq.

9.06.45 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/7171/24/I** fejn ippropona li filwaqt li l-Kunsill jifhem in-neċessita' li jkun hemm aktar postijiet fejn wieħed jiċċarġja l-karozza privata tiegħu, u li anke il-Kunsill qed jaħdem sabiex jiżdiedu ċ-charging points fil-lokalita', xorta waħda ma jistax joħroġ permess li sabiex jiġu ċċarġjati l-karozzi tal-elettriku, fejn il-bankina fil-lokalita' tiġi ostakolata, b'konsegwenza li jista' iweġġa xi ħadd, b'mod partikolari l-anzjani.

9.06.46 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul issekonda.

9.06.47 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7243/24/I** Proposta mingħand St. Michael School fejn qed jitolbu l-permess tal-Kunsill kif ukoll l-għajnuna tal-Kunsill biex jitneħħew għeruq tas-siġar u eventwalment jissaqqew il-pjanti li ser iħawwlu fis-soft area li hemm fuq il-bankina ta' quddiem l-iskola fi Triq Alamein u fil-pasaġġ bejn

Triq Alamein u Triq Giorgio Mitrovich propjament bejn l-iskola u l-Malta Judo Federation.

9.06.48 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/7243/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill għandu jilqa' din it-talba u dan abbażi tal-fatt li l-inizjattiva żgur li ser issarraf f'tisbiħ tal-lokalita', billi jingħataw kunsens, u jekk jitolbu l-għajnuna tal-Kunsill biex jagħmlu l-proġett biex jinqalgħu s-siġar, din għandha tiġi provduta.

9.06.49 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

9.06.50 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7056/24/I** Email mingħand il-Mediterranean Insurance Brokers (Malta) Ltd. ifakkru lill-Kunsill li kien wasal iż-żmien li tiġi estiża l-polza tal-assikurazzjoni tal-Kunsill.

9.06.51 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/7056/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill jipproċedi u tiġi mġedda l-polza tal-assikurazzjoni.

9.06.52 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

9.06.53 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7265/24/I** Stima mingħand wow.mt biex il-membri tal-Kunsill ikollhom Digital business cards.

9.06.54 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/7265/24/I** fejn ippropona lill-Kunsill li f'dan l-istadju l-Kunsill mhux interessat li jkompli fuq dawn l-istimi.

9.06.55 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul issekonda.

9.06.56 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7296/24/I** Stima mingħand Eurosaver Supermarket għall-provvsita ta' ħelu għall-Halloween 2024.

9.06.57 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/7296/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill għandu jipproċedi sabiex jinxtara l-ħelu li ser ikun qed jintuża fl-attività tal-Halloween.

9.06.58 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

9.06.59 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7299/24/I** Stima mingħand il-Perit tal-Kunsill biex tul Triq l-Imħallef William Harding, il-parti fejn ser il-ġnien minn Project Green, issir trinka biex is-servizzi jitniżżlu kollha taħt l-art.

**46/7407/24/I** Kommunikat mingħand Project Green, fejn filwaqt li infurmaw lill-Kunsill li t-talba għat-trinka qed tiġi ikkunsidrata, ser jikkommunikaw ma' IM biex jekk huwa possibbli x-xogħol isir minn kuntrattur ta' IM.

**46/7067/24/I** Email mingħand Project Green jinfurmaw lill-Kunsill li kienu approvaw l-istima sottomessa mill-kuntrattur tal-Kunsill għall-provvista u l-installazzjoni ta' solar light bollards għall-ġnien.

9.06.60 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/7299/24/I, 46/7407/24/I u 46/7067/24/I** fejn ippropona li abbazi tal-istima

fuq it-trinka, il-Kunsill għandu jiddiskuti dan ma' Project Green abbazi tal-fatt li l-ħsieb hu li l-ispiża tkun koperta minn Project Green stess.

9.06.61 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

9.06.62 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7317/24/I** Email mingħand il-Perit tal-Kunsill fejn jinforma lill-Kunsill li l-istima dwar ix-xogħol tal-upgrading ta' Ġnien San Patrizju għadha simili għal dak li kienet stmata s-sena l-oħra, ċirka €266,000, għalkemm jirrakkomanda li jkun hemm kontenġenza ta' +-15%.

9.06.63 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/7317/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill għandu jipproċedi biex fix-xhur li ġejjin jkollna aktar spazji miftuħa u msebbħa fil-lokalita. Żied jirrimarka li jħares 'il quddiem li fil-lokalita' jibqa' jkun hemm proġetti bħal dawn li jħallu frott pożittiv fil-kwalità' tal-ħajja tar-residenti.

9.06.64 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

9.06.65 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7333/24/I** Email mingħand id-DGL iħeġġeġ lill-Kunsill biex jekk huwa possibbli jipprovdu s-servizz ta' tabib fil-Kunsill ħalli l-Kunsill jkunu jistgħu jipprovdu s-servizz ta' tilqim kontra l-influwenza staġjonali, tal-COVID, u tal-PCV (Pneumococcal Conjugate Vaccine)

9.06.66 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/7333/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill għandu jilqa' t-talba biex dan is-servizz jiġi offrut. Barra minn hekk, is-Sindku talab li jitlesta l-materjal sabiex jkun jista' jitqassam fid-djar tan-nies u jirreġistraw mal-Kunsill, hekk kif mitlub mid-Direttorat. Il-kelliem informa lill-Kunsill li kif appena jinstab tabib disponibbli, għandhom jinħarġu l-avviżi u jitqassam fuljett fid-djar tal-lokal.

9.06.67 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul issekonda.

9.06.68 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7357/24/I** Stima mingħand il-kuntrattur tad-dawl biex jinbidel il-makkinarju u l-lampi tal-globi li hemm bejn Sit A1 – A5 u A6 – A11 minħabba li s-sistema tagħhom hija antika u m'hawnx parts fis-suq.

9.06.69 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/7357/24/I** fejn ippropona li din l-istima għandha tgħaddi għand l-Awtorità ta' Djar u jiġi diskuss pjan konkret sabiex tissolva l-problema li hemm kemm fis-sit imsemmija, imma anke f'siti oħra li jaqgħu taħt ir-responsabilita' tal-Awtorita' tad-Djar.

9.06.70 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul issekonda.

9.06.71 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7366/24/I** Proposta mis-Sindku biex fil-parkeġġ li hemm faċċata tal-gabbana ta' Triq il-Profs Walter Ganado, tiżdied lampa tad-dawl peress li hemm ħafna dlam.

9.06.72 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/7366/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill għandu jipproċedi sabiex ir-residenti jħossuhom aktar siguri.

9.06.73 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

9.06.74 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7023/24/I** Diversi rapport mingħand il-Perit tal-Kunsill dwar diversi xogħolijiet.

**46/7024/24/I**

**46/7025/24/I**

**46/7026/24/I**

9.06.75 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/7023/24/I, 46/7024/24/I, 46/7025/24/I u 46/7026/24/I** fejn ippropona li fuq i-żewġ naħat tat-taraġ li hemm bejn Triq Juno u Triq il-Beata Adedota Pisani jsiru tabelli li jindikaw li bix-xita u n-nida, it-taraġ jiżloq, kif ukoll li tinkiseb stima mingħand il-kuntrattur tal-Kunsill biex jitnaddaf mill-ħażiż u jerġa jitkaħħal.

9.06.76 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

9.06.77 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7409/24/I** Email mingħand residenta miż-żona ta' San Patrizju titlob il-permess tal-Kunsill biex mingħajr ebda pretenzjonijiet u titli, tkun tista' tindokra u tmantni biċċa ħamrija li hemm quddiem il-propjetà fejn toqgħod.

9.06.78 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/7409/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni basta ma jsir ebda żvilupp għajr li jitpoġġew kaxxi għall-qtates abbandunati, kif ukoll jekk ser jinżergħu xi siġar, qabel isir dan, għandu jsir komunikat u tinkiseb l-approvazzjoni tal-Kunsill.

9.06.79 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

9.06.80 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7426/24/I** Talba mingħand persuna biex bejn is-6 u l-15 ta' Ġunju 2025, jorganizza fiera ta' bejgħ ta' vetturi ġodda u second hand fiż-żona tal-Pembroke Park & Ride.

9.06.81 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/7426/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill għandu jitlob aktar informazzjoni qabel jiddeċiedi dwar din it-talba.

9.06.82 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul issekonda.

9.06.83 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7449/24/I** Proposta għall-iskema Vjal Kulħadd li tinkludi upgrading fiż-żona u l-akwata tan-Natura2000 f'Pembroke, liema proġett jinkludi faċilitajiet ambjentali, cycle lane u circuit, tħawwil ta' siġar, u inizjattivi oħra ħodor.

9.06.84 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/7449/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill jissottometti din l-applikazzjoni. **(Ara Dok. 02)**

9.06.85 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

9.06.86 Il-Kunsill qabel unanimament.

9.06.87 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għamel follow up dwar l-iskema tar-residential parking, fejn informa lill-Kunsill li bħalissa l-iskema hija magħluqa u bħalissa l-Kunsill qed jistenna l-istruzzjonijiet tal-AKL dwar il-pass il-quddiem.

9.06.88 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li rigward il-Junior Science Club Animators, wara li għalqu l-applikazzjonijiet, ma kien hemm ebda interess u m'applika ħadd, għalhekk il-kors din is-sena, sfortunatament mhux ser isir.

## 9.07 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

9.07.1 Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet, is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għadda għall-item li kien imiss.

9.07.2 Il-Kunsillier Charles Cesare staqsa jekk huwiex possibbli l'issir mera faċċata tal-ħruġ tal-iskola Sekondarja fi Triq Martin Luther King.

## 9.08 Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet.

9.08.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg ippreżenta lill-Kunsill:

- **Internal Memo 17/2024** - Laqgħa ma' Project Green u Pjan ta' Ħidma. **(Ara Dok. 03)**
- **Internal Memo 18/2024** - Laqgħa mal-Community Police, Health Promotion, Kitty Guardians, Daniele Armeni. **(Ara Dok. 04)**
- **Internal Memo 19/2024** - Laqgħa mal-CM tal-Kunsill. **(Ara Dok. 05)**
- **Internal Memo 20/2024** - Kwotazzjonijiet għal xiri ta' siġġijiet. **(Ara Dok. 06)**
- **Internal Memo 21/2024** - Kwotazzjonijiet għall-printing ta' business cards. **(Ara Dok. 07)**
- **Internal Memo 22/2024** – Lista ta' works orders maħruġa bejn laqgħa referenza 05/K9/24 u 08/K9/24. **(Ara Dok. 08)**

9.08.2 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għamel referenza għall-**Internal Memo 20/2024 - Kwotazzjonijiet għal xiri ta siġġijiet**, fejn ippropona li l-Kunsill jirratifika d-deċiżjoni li tintgħażel l-irħas offerta.

9.08.3 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

9.08.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

9.08.5 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għamel referenza għall-**Internal Memo 22/2024** dwar works orders maħruġa bejn laqgħa u oħra, fejn ippropona r-ratifikazzjoni tagħhom, liema works orders inħarġu skond l-esiġenzi li kellu l-Kunsill.

9.08.6 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

Il-Kunsill qabel unanimament.

## 9.10 Proposta dwar tibdil fil-konfini.

9.10.1 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ippropona li l-Kunsill jibda diskussjonijiet biex il-konfini tal-lokal jinbidlu biex jirriflettu l-istorja tal-lokal.

9.10.2 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul issekonda.

9.10.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 9.11 Inizjattivi għal żmien il-Milied.

9.11.1 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ippropona li fiż-żmien tal-Milied għandha ssir attività' soċjali għar-residenti, u tqassim permezz ta' father christmas ir-rigali lit-tfal tal-lokal. Il-kelliem irrimarka li jaf ikun hemm possibilità' t'attivitajiet oħra.

9.11.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

9.11.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 9.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti.

9.12.1 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ippreżenta l-iskeda tad-dħul u ħruġ. **(Ara Dok. 9, 10, 11, 12, 13, 14 u 15)**

9.12.2 Wara li l-Kunsilliera raw u skrutinaw il-kontijiet ippreżentati, is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif irrakkomandat. Il-kelliem żied li l-kont ta' MAKS Engineering Ltd. għalissa għandu jibqa' pendenti sakemm issir laqgħa miegħu dwar it-triq il-quddiem.

9.12.3 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

9.12.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 9.13 Mozzjonijiet.

9.13.1 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit informa lill-Kunsill li ma kienu daħlu ebda mozzjonijiet u għalhekk għadda għall-item li kien imiss.

## 9.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

9.14.1 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għalaq il-laqgħa fit-20:00 wara li unanimament kien hemm qbil li l-laqgħa tiġi aġġornata għal nhar l-Erbgħa 27 ta' Novembru 2024 fil-5:30pm.

**Konfermati, illum 27 ta' Novembru, 2024**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMAT** | **IFFIRMAT** |
| Av. Kaylon Zammit | Kevin Borg M.Sc. (Gov & Mngt) |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

Dok 1

# Pembroke
# Local Council

## Quarterly Financial Report

## for the Period

### 1st January till End of September 2024 (Quarter 3)

# Table of Contents


| | |
|---|---|
| Overview and Summary | *Page 3* |
| Statement of Income and Expenditure | *Page 4* |
| Statement of Financial Position | *Page 5* |
| Cash flow Statement | *Page 6* |
| Detailed Income | *Page 7* |
| Detailed Expenditure | *Page 8* |
| Detailed Statment of Financial Position | *Page 10* |
| Depreciation of Property, Plant and Equipment | *Page 11* |

## *Overview and Summary*

Pembroke Local Council presents its Quarterly Financial Report from January until September 2024. Recurrent expenditures relate to the services the Council is obliged to render in accordance with Section 33 of the Local Councils Act.

A general overview shows that the Council kept to the Budgeted expectations for the period. The Council successfully ended the period with a positive indicator of 140% of its annual government allocation. To achieve this objective, the Council will monitor its spending and avoid anything inconsistent with the Budget and Business Plan.

Dr. Kaylon Zammit
Mayor

Kevin Borg
Executive Secretary

## Statement of Income and Expenditure

## 1st January till End of September 2024 (Quarter 3)

| DESCRIPTION | Actual for the Period € | Annual Budget 2024 € | Virements for the Period € | Revised Annual Budget 2024 € |
|---|---|---|---|---|
| **Income** | | | | |
| Funds received from Central Government (1) | 397,487 | 600,961 | - | 600,961 |
| Income raised from Bye-Laws (2) | 19,685 | 13,658 | - | 13,658 |
| Income raised from LES (3) | 1,341 | 5,480 | - | 5,480 |
| Investment Income (4) | - | - | - | - |
| Other Income (5) | 183,483 | 100 | - | 100 |
| TOTAL | **601,995** | **620,199** | - | **620,199** |
| **Expenditure** | | | | |
| Personal Emoluments (6) | 84,654 | 122,220 | - | 122,220 |
| Operations and Maintenance (7) | 641,848 | 509,299 | - | 509,299 |
| Administration (8) | 30,736 | 17,172 | - | 17,172 |
| Finance Cost (9) | - | - | - | - |
| Other Expenditure (10) | 20,454 | 43,923 | - | 43,923 |
| TOTAL | **777,691** | **692,614** | - | **692,614** |
| **Surplus / Deficit** | (175,696) | (72,415) | - | (72,415) |

## Statement of Financial Position as at end of September 2024 (Quarter 3)

| DESCRIPTION | Actual for the Period € | Annual Budget 2024 € | Virements for the Period € | Revised Annual Budget 2024 € |
|---|---|---|---|---|
| **Non-current Assets** | | | | |
| Property, Plant and Equipment (17) | 106,698 | 93,954 | | 93,954 |
| **Current Assets** | | | | |
| Inventories (11) | 1,415 | 1,431 | - | 1,431 |
| Receivables (12) | 181,244 | - | - | - |
| Cash and Cash Equivalents (13) | 397,753 | 340,059 | - | 340,059 |
| **Total Current Assets** | **580,412** | **341,490** | - | **341,490** |
| **Current Liabilities** | | | | |
| Payables (14) | 186,663 | 3,000 | - | 3,000 |
| **Total Current Liabilities** | **186,663** | **3,000** | - | **3,000** |
| **Net Current Assets** | 393,749 | 338,490 | - | 338,490 |
| **Non-current liabilities (15)** | - | - | - | - |
| **Net Assets** | **500,447** | **432,444** | - | **432,444** |
| **Reserves** | | | | |
| Retained Funds | **500,447** | **832,690** | | **832,690** |

## Financial Situation Indicator

| DESCRIPTION | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Current Assets | | 580,412 | 341,490 | - | 341,490 |
| Current Liabilities | | 186,663 | 3,000 | - | 3,000 |
| | **Working Capital** | 393,749 | 338,490 | - | 338,490 |
| Government Allocation | | 397,487 | 529,983 | - | 714,619 |
| | **FSI** | **99 %** | **64 %** | | **47 %** |

## Cash flow Statement

| DESCRIPTION | Actual for the Period € | Annual Budget 2024 € | Virements for the Period € | Revised Annual Budget 2024 € |
|---|---|---|---|---|
| **Cash flow from operating activities** | | | | |
| Surplus for the year | (175,696) | (72,415) | - | (72,415) |
| Adjustments for: | | | | |
| Depreciation | 20,454 | 43,923 | - | 43,923 |
| Increase / (Decrease) in Allowance for Bad Debts | | | | - |
| Interest receivable | | | | - |
| Interest payable | | | | - |
| (Profit) / Loss on disposal of asset | | | | - |
| Trasfer of Grants to Profit & Loss | - | | | - |
| Increase / (Decrease) in payables | (144,623) | | | - |
| Increase / (Decrease) in accruals | 88,326 | | | - |
| Decrease / (Increase) in receivables | (69,995) | | | - |
| Decrease / (Increase) in inventories | | | | - |
| Decrease / (Increase) in inventories | | | | - |
| Cash generated from operations | **(281,534)** | **(28,492)** | - | **(28,492)** |
| Interest paid | | | | - |
| *Net cash from operating activities* | **(281,534)** | **(28,492)** | - | **(28,492)** |
| **Cash flows from investing activities** | | | | |
| Purchase of property, plant & equipment | (5,989) | (55,000) | | (55,000) |
| Proceeds from sale of property, plant & equipment | | | | - |
| Grants received | | | | - |
| Interest received | | | | - |
| *Net cash used in investing activities* | **(5,989)** | **(55,000)** | - | **(55,000)** |
| **Cash flows from financing activities** | | | | |
| Proceeds from long-term borrowings | | | | - |
| Interest Paid | | | | - |
| Bank Loan Repayments | | | | - |
| *Net cash from financing activities* | - | - | - | - |
| **Net increase/(decrease) in cash & cash equivalents** | (287,523) | (83,492) | - | (83,492) |
| Cash & cash equivalents at beginning of year | 685,276 | 747,403 | | 747,403 |
| **Cash & cash equivalents at end of Quarter** | **397,753** | **663,911** | - | **663,911** |

## Detailed Income

| | DESCRIPTION | Actual for the Period € | Annual Budget 2024 € | Virements for the Period € | Revised Annual Budget 2024 € |
|---|---|---|---|---|---|
| | **Income** | | | | |
| 1 | **Funds received from Cental Government:** | | | | |
| 0001 | In terms of section 55 CAP 363 | 397,487 | 529,983 | | 529,983 |
| 0002-0004 | In terms of section 58 CAP 363 | - | - | | - |
